# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 709/2019MH**

**Illum, 15 ta’ Diċembru 2021**

**Ismijiet:**

**Western Co. Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Joseph Brincat u l-P.L. Marie Claire Bartolo**
**Maħtura b’digriet tal-Qorti 2019 bħala kuraturi deputati**
**biex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa t’Emmanuel Camilleri (I.D. 360864M)**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ attriċi fejn ġie premess illi:**

*Jesponu bir-rispett u bil-gurament jikkonferma Charles Bianco (ID. 44368(M)).*

1. *Illi s-soċjeta' attrici kienet biegħet numru ta' vetturi lill-konvenut Emanuel Camilleri, u kif ukoll lil ċertu Joseph Grima, u dan skont żewġ skritturi datati 16 ta' April 2010 u 12 ta' Novembru 2010 (Dok A u B).*

2. *Illi nonostnate t-trapass ta' żmien il-ħlas tal-prezz patwit għal dawn il-vetturi baqa' ma tħallasx.*

3. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa debituri tas-soċjeta' attriċi f'ammont li jrid jiġi likwidat minn din il-Qorti rappresentanti l-prezz ta' numru ta' vetturi mibjugħa u kkonsenjati.*

2. *Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi ai fini ta' l-ewwel talba.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuti deputati  fejn eċċepew illi:-

1. L-esponent  għandhom ċerti dubbji fuq il-fondatezza tat-talbiet, u dan għal ragunijiet varji.
2. Kumpanija  li tbiegħ il-karozzi second hand tagħmel talbiet biex jiġi likwidat l-ammont dovut , u mhux titlob ammont eżatt, meta huwa common knowlegde li kumpanija bħal dawn minħabba li jagħtu dejn ikollhom records up to date għal dak li hu favur tagħhom. Inoltre stramba li kumpanija regolarment reġistrata m'għandiex kotba ta' kummerċ eżatti.
3. Inoltre hemm ċertu dubju dwar l-awtentiċita' tal-firem, speċjalment li hemm s-salib ħdejn l-allegati firem.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkonsidrat:

Rat ix-xhieda ta' Carmel Bianco bħala direttur tas-soċjeta' attriċi li spjega kif Emmanuel Camilleri u Joseph Grima kienu flimkien xtraw vetturi mingħand il-kumpanija attriċi, qua dealers fil-vetturi biex jerġgħu ibiegħ l-istess.Qal li kienu jħallsu tant li wara ċertu żmien kienu reġgħu ħadu ammont ieħor ta' karozzi. Dan f'Novembru 2010. S'hawn kienu qegħdin iħallsu.Ukoll li għalkemm l-pagamenti ma kienux in fila, ċioe skont kif stipulat, kienu inqatgħu diversi pagamenti dovuti. Żid li mbagħad bdew jaqgħu lura mill-pagamenti tant li wassal biex jitkellmu ma Emmanuel Camilleri, li kien infurmah li Joseph Grima kien ħarab minn Malta. Qal li baqgħu jagħtuh ċans għal ħlas. Anke li kienu jagħtuh xogħol tal-bini għax kien jaħdem bl-iskips biex jkollu l-flus f'idu. Qal li mbagħad minħabba problemi ta' natura personali ukoll ta' saħħa Camilleri reġa' waqa moruż. Qal li kien wasal żmien lill-kumpanija tiġbor flusha tant li fuq statement minnhom kellha ġia tieħu is-somma ta' €38,000, ukoll li kien hemm bilanċ ieħor dovut ta' €140,000. Ikkonferma id-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Conrad Pisani da parti tiegħu xehed li hu kien anke jieħu ħsieb jiġbor il-flus għal Charles Bianco fost xogħol ieħor li kien jagħmel. Ikkonferma ukoll il-kuntratti li ġew esebiti mar-rikors ġuramentat għax xehed li kienu ġew iffirmati minnu.

Ikkonferma lil pagamenti dovuti ma kienux inġabru kollha nonostante li kienu ċemplu lid-debituri kemm il-darba. Ikkonferma ukoll li wieħed mid-debituri kellu problemi familjari li kienu għamlulu ħafna ħsara, tant li waqgħa lura fil-pagamenti. Ikkonferma l-bilanċ dovut ta' €38,300 u dak ta' LM96,000 dan wara li ġie muri l-istatement anness bħala Dok CB[1].

Rat in-nota esebita mis-soċjeta' Western Company Ltd fejn ġew esebiti statement relattiv għall-iskrittura datata 16 ta' April 2010 bil-pendenzi dovuti

[1] Folio 34

ta' €140,078.65[2]; Statement ieħor relattiv għall-iskrittura datata 12 ta' Novembru 2010 bl-ammont dovut sa 1/1/2019 għal ammont ta' €31,017.05.

Ma nġabu ebda provi da parti tal-konvenuti noe.

Ikkonsidrat:

Illi jidher illi d-defunt Camilleri flimkien mal-maħrub Grima kienu solidalment bejniethom daħħlu f'dejn in kwantu għal akkwist ta' vetturi mingħand is-soċjeta' attriċi u waqgħu moruzi fil-pagamenti kif dikjarat fl-istatements esebiti li ġew kkonfermati bil-ġurament u ma nġabet ebda prova in kontradizzjoni tagħhom.

Illi s-somma dovuti u bilanċ kif kkonfermati huma dawk ta' €140,078.65 u ta' €31,017.

Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammonti ta' €140,078.65 u ta' €31,017 in kwantu għal prezz (bilanċ) ta' numru ta' vetturi mibjugħa u kkonsenjati.

Konsegwentement tikkundana lill-istess iħallas lis-soċjeta' attriċi is-sommom hekk likwidati kif hawn appena indikati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif dovuti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

---

[2] Sa 1/12019

709/2019 MH

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**